

Taqisira għall-pubbliku

Proposta tal-UE – Il-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali

X'inhi l-problema/l-kwistjoni?

- Is-**serq** tas-sigriet kummerċjali **huwa problema li qed tikber**. Waħda minn kull 4 kumpaniji Ewropej irrapportat tal-inqas każ wieħed ta' serq ta' informazzjoni fl-2013 (żieda minn 18 % fl-2012).
- Il-livell ta' **protezzjoni** għas-sigrieti kummerċjali **jvarja b'mod sostanzjali** bejn il-pajjiżi tal-UE, minħabba d-differenzi fil-liġijiet nazzjonali u n-nuqqas ta' kunċett mal-UE kollha tas-sigrieti kummerċjali.
- Is-sistema legali tal-UE għall-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali **mhijiex ċara** għall-utenti.

Liema huma s-sigrieti kummerċjali?

Din hija informazzjoni ewlenija li l-kumpaniji, ir-riċerkaturi u l-innovaturi b'mod ġenerali jżommu kunfidenzjali – jew fi f'dan l-organizzazzjoni tagħhom stess jew fi f'dan networks ta' msieġba – sabiex jiksbu jew iżommu **vantaġġ kompetittiv**.

Ġeneralment, is-sigrieti kummerċjali huma 2 tipi ta' informazzjoni:

- **tekniki** (proċessi ta' manifattura, riċetti, komposti kimiċi, eċċ.)
- **kummerċjali** (listi ta' klijenti, riżultati ta' studji ta' kummerċjalizzazzjoni, dejta dwar it-tnedija ta' prodott, eċċ.).

X'se jinbidel eżattament?

Il-proposta l-ġdida tal-UE għandha l-għan li **tallinja l-leġiżlazzjoni nazzjonali** biex tiżgura li, jekk il-kompetituri jisirqu jew b'mod illegali ieħor jakkwistaw (jew jużaw) din l-informazzjoni, il-vittma tkun:

- tista' tiddefendi d-drittijiet tagħha fil-qorti
- ikollha aċċess għal rimedju suffiċjenti u komparabbli mal-UE kollha.

Speċifikament, il-proposta:

- tistabbilixxi liema **rimedji** huma disponibbli (eż. il-possibbiltà li l-kompetituri ma jkunux jistgħu jużaw l-informazzjoni misruqa)
- ittejjeb il-kapaċità tal-vittmi li jfittxu **kumpens**
- tistabbilixxi regoli li jiproteġu l-informazzjoni kunfidenzjali matul il-**litigazzjoni**.

Min se jibbenefika u kif?

- **Ilkoll kemm aħna** – sigrieti kummerċjali aktar sikuri jkabbru l-inċentivi għall-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp, li jfisser aktar impjiegi u prodotti ġodda u aħjar.
- **Il-kumpaniji** kollha – għalkemm b'mod speċjali:
 - **kumpaniji żgħar u ta' daqs medju u li għadhom jibdew**, li għandhom it-tendenza li jiddependu aktar minn kumpaniji kbar fuq il-kunfidenzjalità.
 - kumpaniji innovattivi u dawk li jispeċjalizzaw f'**kapital ibbażat fuq l-għarfien** (l-għarfien, R&D, prodotti kreattivi).

Għaliex hemm bżonn li taġixxi l-UE?

- Bħalissa, il-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali hija rregolata mil-**liġijiet nazzjonali biss**, u bejniethom hemm differenzi kbar. Xi pajjiżi tal-UE m'għandhomx leġiżlazzjoni speċifika dwar is-sigrieti kummerċjali.
- Dan **ifixkel il-kummerċ** (l-akkwist, il-qsim jew il-liċenzjar tal-għarfien u t-teknoloġija) u **riċerka** fl-UE kollha, u b'hekk l-innovazzjoni ssir riskjuża u kumplessa bla bżonn.

- **Ixekkel** ukoll il-**kollaborazzjoni** bejn il-kumpaniji, ir-riċerkaturi u l-innovaturi f'pajjiżi differenti tal-UE.

Meta mistennija tidħol fis-seħħ il-proposta?

Mhux aktar tard minn **4 snin mil-lum** – iżda possibbilment qabel. Jiddependi kemm se jkun veloċi x-xogħol fuq il-proċessi leġiżlattivi tal-UE u nazzjonali.